

Brussell, 21 ta' Awwissu 2023  
(OR. en)

12392/23

AGRI 470  
AGRIFIN 100  
AGRIORG 97  
AGRILEG 163  
DELACTION 113

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 5508 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 17.8.2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-bajd

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 5508 final.

Mehmuż: C(2023) 5508 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.8.2023  
C(2023) 5508 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 17.8.2023**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-bajd**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Sabiex jitqiesu l-aspettattivi tal-konsumaturi u jitjiebu l-kundizzjonijiet ekonomiċi għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni kif ukoll il-kwalità ta' prodotti agrikoli, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti delegati li jstabilixxu standards għall-kummerċjalizzazzjoni minn setturi jew prodotti, fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll derogi u eżenzjonijiet minn standards bħal dawn sabiex tadatta għall-kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu b'mod kostanti, għall-esiġenzi tal-konsumaturi li jevolvu, għall-iżviluppi fi standards internazzjonali rilevanti u biex tevita li jinħolqu ostakli għall-innovazzjoni ta' prodotti.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Il-Kummissjoni kkonsultat esperti mill-Istati Membri fi ħdan il-Grupp ta' Esperti dwar is-Swieq Agrikoli, is-settur tal-Prodotti tal-Animali, fil-laqgħa tal-25 ta' Awwissu 2022, tat-22 ta' Settembru 2022 u tal-20 ta' Ottubru 2022.

Il-Kummissjoni baġtet l-abbozz tal-att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, meta ġew organizzati l-laqgħat għall-Grupp tal-Esperti.

L-abbozz tar-regolament delegat ġie ppubblikat fuq il-portal tal-Kummissjoni Ewropea "Semma' leħnek" mill-21 ta' April sad-19 ta' Mejju 2023 biex jinġabru l-fehmiet taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati. Dan irċieva 34 feedback li minnhom 38 % ġew minn assoċjazzjonijiet tan-negozju, 26 % minn ċittadini tal-UE, 21 % minn kumpaniji, 12 % minn NGOs u 3 % minn partijiet ikkonċernati oħra. Il-maġġoranza tal-kontributi esprimew appoġġ għall-proposta, u ftit minnhom ippreferew ir-Regolament preżenti fl-istat attwali tiegħu. Xi wħud mill-kontributi kienu kritiċi fir-rigward tad-deroga li l-bajd jiġi mmarkat fiċ-ċentri tal-ippakkjar. Madankollu, id-deroga nżammet minħabba li s-sistema tal-immarrkar tal-bajd fiċ-ċentri tal-ippakkjar hija stabbilita sew u kkontrollata f'diversi Stati Membri.

Is-shab tad-WTO ġew innotifikati.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

Dan l-att delegat jemenda l-Anness VII, il-Parti VI, biex jindirizza r-riskju ta' mmarkar falz u jtejjeb it-traċċabbiltà. L-immarrkar tal-bajd se jkun permess biss fis-sit tal-produzzjoni. Eżenzjonijiet minn din ir-regola jistgħu jiġu deċiżi biss mill-Istati Membri. F'każijiet bħal dawn, l-immarrkar jista' jsir fl-ewwel ċentru tal-ippakkjar.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 17.8.2023

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-bajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent"<sup>2</sup>, il-Kummissjoni ħabbret, fost l-oħrajn, li se tirrevedi l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni biex tipprevedi l-adozzjoni u l-provvista ta' prodotti agrikoli sostenibbli u biex issaħħaħ ir-rwol tal-kriterji tas-sostenibbiltà filwaqt li tqis l-impatt possibbli ta' dawn l-istandards fuq it-telf u l-ħela tal-ikel.
- (2) Il-Parti VI tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tistabbilixxi d-definizzjonijiet, id-denominazzjonijiet u d-deskrizzjoni tal-bejgħ għall-bajd tat-tiġieġ tal-ispeċi *Gallus gallus*.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jippermetti l-immarrkar tal-bajd fis-sit tal-produzzjoni jew fl-ewwel ċentru tal-ippakkjar fejn jiġi kkonsenjat il-bajd. Dan jimplika ċertu riskju ta' mmarrkar falz, intenzjonat jew mhux intenzjonat, peress li l-bajd minn azjendi agrikoli u sistemi ta' produzzjoni differenti jistgħu jitħalltu u jiġu ttikkettati ħażin. Barra minn hekk, fil-każ ta' inċidenti ta' sikurezza tal-ikel dan jista' jwassal għal problemi ta' traċċabbiltà. Fid-dawl taż-żieda fid-domanda tal-konsumatur, jenħtieġ li r-regoli dwar it-traċċabilità jissaħħu. Il-progress tekniku għamel firxa wiesgħa ta' teknoloġija tal-immarrkar disponibbli fil-livell tal-azjenda agrikola.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li l-immarrkar tal-bajd isir biss fis-sit tal-produzzjoni. Madankollu, jenħtieġ li jitqies il-fatt li diversi Stati Membri diġà żviluppaw sistemi ta' mmarrkar effiċjenti fil-livell taċ-ċentri tal-ippakkjar. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jeżentaw l-immarrkar tal-bajd fis-sit tal-produzzjoni meta dan jitwettaq fl-ewwel ċentru tal-ippakkjar fejn jiġi kkonsenjat il-bajd, sakemm din l-eżenzjoni tkun proporzjonata, mhux diskriminatorja u ma timminax l-oġettiv tat-traċċabbiltà tal-bajd.
- (5) Sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jaġġustaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika biss 12-il xahar wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>2</sup> COM/2020/381 final.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jiġi emendat skont dan,  
ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Il-punt III tal-Parti VI tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:  
“2. L-immarkar tal-bajd f'konformità mal-punt 1 għandu jsir fis-sit tal-produzzjoni.”;
- (2) jiddaħħal il-punt 2a li ġej:  
“2a. L-Istati Membri jistgħu, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, jeżentaw il-bajd mir-rekwiżit stabbilit fil-punt 2 meta l-immarkar jitwettaq fl-ewwel ċentru tal-ippakkjar fejn jiġi kkonsenjat il-bajd.”.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika minn [12-il xahar wara l-pubblikazzjoni].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17.8.2023

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*